

RAPPORT ANNWALI 2015

Sommarju Eżekuttiv (MT)

Sommarju Eżekuttiv

L-assigurazzjoni u l-pensjonijiet okkupazzjonali għandhom rwol importanti fl-ekonomija. B'assi li jiswew aktar minn żewġ terzi tal-PDG tal-UE¹ l-assigurazzjoni hija element sinifikanti tas-settur finanzjarju, fejn tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku u stabbiltà finanzjarja billi terfa' r-riskji u timmobilizza t-tfaddil. Il-pensjonijiet okkupazzjonali huma ugwalment importanti peress li barra mill-kontribut tagħhom għall-ekonomija, jiproteġu kontra r-riskju tal-faqar fl-irtirar. L-EIOPA għet stabbilita fl-2011 bħala Awtorità Superviżorja Ewropea indipendenti b'responsabbiltajiet ewlenin biex tappoġġa l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, tiżgura t-trasparenza tas-swieq u l-prodotti finanzjarji, u tiproteġi lid-detenturi ta' poloz, u lill-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjoni. Ir-Rapport Annwali 2015 tal-EIOPA jiddeskrivi l-kisbiet ewlenin tal-Awtorità u jipprovdi informazzjoni dwar il-ġestjoni min-naħa tal-EIOPA tar-riżorsi allokatilha sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha.

Ir-Rapport Annwali 2015 tal-EIOPA jiddeskrivi l-kisbiet ewlenin tal-Awtorità tul il-miri tagħha li:

- issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur;
- tiprovdi kwalità u regolamentazzjoni f'waqtha;
- tiżgura konverġenza, konsistenza u kwalità ta' superviżjoni;
- tappoġġja l-istabbiltà finanzjarja; u
- tiżviluppa bħala awtorità moderna u kompetenti.

Ir-Rapport Annwali jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-ġestjoni mill-EIOPA tar-riżorsi allokatilha sabiex tilħaq dawn il-miri.



¹ Madwar 70 % fl-2014 – Sors: Statistika dwar l-assigurazzjoni (mill-ġdid) tal-UE-ŻEE tal-Eurostat u l-EIOPA <https://eiopa.europa.eu/financial-stability-crisis-prevention/financial-stability/statistics>

KAXXA TA' INFORMAZZJONI: L-aqwa ħames kisbiet fl-2015

- Il-finalizzazzjoni tal-Ktieb Uniku tar-Regoli tal-Assigurazzjoni: il-produzzjoni tat-tieni sett ta' Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni (STI) u Linji Gwida (LG) ta' Solvenza II.
- Twettiq ta' superviżjoni: L-istabbiliment tal-approċċ strateġiku ġdid għal qafas komprensiv ibbażat fuq ir-riskju u preventiv għat-twettiq ta' superviżjoni tan-negożju u l-ewwel rieżami tematiku dwar l-assigurazzjoni tal-mowbajls.
- L-implimentazzjoni tal-proċess u l-metodoloġija għar-rilaxx mensili tar-Rata Mingħajr Riskju meħtieġa taħt Solvenza II.
- Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP, Pan-European personal pension product) Il-kunċett tal-EIOPA deskritt fid-dokument ta' konsultazzjoni tagħha għall-ħtiġijiet tal-ħolqien ta' PEPP.
- Ir-rieżami tal-karta tal-bilanċ u t-test ta' stress tas-settur tal-assigurazzjoni tar-Rumanija.

Li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-adozzjoni ta' **approċċ strateġiku ġdid għal qafas komprensiv ibbażat fuq ir-riskju u preventiv għat-twettiq ta' superviżjoni tan-negożju** kienet żvilupp ewlieni. Strument ċentrali għall-indirizzar tar-riskji ta' twettiq ta' negożju fil-livell tal-UE, dan ser ikun mibni fuq fehim b'saħħtu tal-imġiba tal-konsumatur, fuq il-proporzjonalità u fuq l-antiċipazzjoni f'waqtha ta' riskji ta' tmexxija li qed ifiġġu u l-prevenzjoni tad-detriment għall-konsumatur fl-Unjoni kollha. **"Rieżamijiet tematiċi"** huma element ċentrali għall-istrateġija u twettaq u ġie konkluż pilota bl-analiżi tal-Assigurazzjoni tat-Telefown Mobbli. Biex tavvanza l-kapaċità tal-EIOPA sabiex tapplika **s-setgħat tagħha ta' intervent fuq il-prodott għall-prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni**, fl-2015 l-EIOPA stabbilixxiet l-indikaturi li jiddeterminaw jekk hijiex meħtieġa azzjoni mill-Awtorità.

Il-ħidma tal-EIOPA biex tindirizza l-kunflitt ta' interess f'bejgħ dirett u intermedju ta' prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni għet avvanzata bil-Konsulenza Teknika tagħha lill-Kummissjoni fejn iprovdi rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kwistjoni. L-EIOPA mexxiet il-ħidma transsettorjali fir-rigward tal-iżvilupp ta' **Dokument ta' Tagħrif Ewlieni (KID, Key Information Document)** li kien hemm mandat għalih mir-Regolament dwar il-prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs, packaged retail and insurance-based investment products). Fl-ewwel nofs tal-2015 ġew konklużi żewġ konsultazzjonijiet

Sommarju Eżekuttiv

pubbliċi, waħda għall-identifikazzjoni ta' mudelli ottimali li jirrappreżentaw informazzjoni b'mod faċli għall-konsumaturi u l-oħra għall-kalkolu ta' miżuri ta' riskji, prestazzjoni u kostijiet tal-prodott. Il-mudelli għall-KID ġew ittestjati wkoll mal-konsumaturi. Barra minn hekk, fil-Marfa tal-2015 tnediet konsultazzjoni pubblika dwar it-test tal-abbozz ta' Standards Tekniċi Regulatorji dwar Dokumenti ta' Tagħrif Ewlieni tal-PRIPS. Fil-qasam tal-pensjonijiet okkupazzjonali, l-EIOPA pproduċiet **rapporti dwar l-informazzjoni pprovduta f'termini ta' kostijiet u ħlasijiet ta' Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORPs)** waqt l-istadji ta' qabel l-iskrizzjoni u dawk li għaddejjin u opzjonijiet ta' investiment għal membri ta' skema ta' kontribuzzjoni definita (KD) li enfasizzaw il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati sabiex ikun żgurat teħid ta' deċiżjonijiet effettiv għall-pjan tal-irtirar tagħhom.

Li tkun ipprovduta regolamentazzjoni ta' kwalità u f'waqtha

Il-kisba ewlenija tal-EIOPA mill-istabbiliment tagħha 'l hawn kienet il-finalizzazzjoni tal-**Ktieb Uniku tar-Regoli tal-Assigurazzjoni fl-2015. Il-produzzjoni tat-tieni sett ta' Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni (STI) u Linji Gwida (LG) ta' Solvenza II** meħtieġa għall-applikazzjoni konsistenti u konverġenti tad-Direttiva minn Jannar 2016 'il quddiem ikkonkludiet l-aġenda regulatorja ta' Solvenza II tal-Awtorità. Wara l-kunsinna, l-attenzjoni ċċaqalqet lejn it-tnejn għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u t-trawwim ulterjuri tal-konsistenza superviżorja.

L-Awtorità ħejjiet ukoll biex twettaq komputu ulterjuri importanti taħt Solvenza II, li huwa r-rilaxx mensili tar-**Rata Mingħajr Riskju**. L-istruttura tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-aġġustamenti tagħha jiddeterminaw, fil-biċċa l-kbira, il-valur tad-dispożizzjonijiet tekniċi li l-impriżi jridu jstabbilixxu għall-obbligi tagħhom ta' assicurazzjoni u ta' assicurazzjoni mill-ġdid u konsegwentement l-ammont ta' kapital disponibbli biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

L-EIOPA kkontribwixxiet ukoll għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tar-**rwol tal-assigurazzjoni f'investimenti fl-infrastruttura**, fejn ressqet kriterji robusti għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura eliġibbli. L-imposti fuq ir-riskju għal investiment fi proġetti ta' infrastruttura kwalifikanti ġew ikkalibrati bir-reqqa għar-riskji rispettivi li jwasslu għal trattament differenti. Sabiex jibbenefikaw minn dan it-trattament, l-assiguraturi jeħtieġ li jwettqu diliġenza dovuta adegwata bħala parti minn ġestjoni tar-riskju effettiva ta' din il-klassi ta' assi kumplessa u eteroġenika. L-investimenti fl-infrastruttura jistgħu jkunu importanti ħafna għan-negozju tal-assigurazzjoni għax, minħabba n-natura ta' perjodu fit-tul tagħhom, jistgħu jkunu soluzzjoni tajba biex jindirizzaw passivi fuq perjodu ta' żmien twil filwaqt li jżidu wkoll id-diversifikazzjoni tal-portafoll u jipprovdu bażi għal tkabbir sostenibbli għall-ekonomija usa'.

L-EIOPA kienet attiva wkoll fix-xena internazzjonali u permezz tal-kontribut tagħha għall-ħidma tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS, International Association of Insurance Supervisors) f'termini li jsir progress fl-iżvilupp ta' **rekwiżit ta' kapital bażiku (BCR, basic capital requirement), rekwiżit ta' kapital ta' assorbenza ta' telf ogħla (HLA, higher loss absorbency) u standards ta' kapital internazzjonali (ICS, international capital standards)** li kollha jappoġġjaw il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ugwali fuq livell internazzjonali.

Kompla l-progress fir-rigward tal-iżviluppi regulatorji fuq in-naħa tal-pensjoni okkupazzjonali ma' **Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORP) II**. Fil-qasam tal-pensjonijiet personali, l-EIOPA għamlet progress konsiderevoli bi tweġiba għas-Sejħa għal Konsulenza (approvata mill-BoS tal-EIOPA f'Jannar 2016) u fl-iżvilupp ta' kunċett għal **prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew (PEPP, Pan-European personal pension product)**, fejn ġiet ipprovduta l-bażi ta' reġim ieħor (it-tieni wieħed). Din il-ħidma għandha potenzjal biex tiddel id-dinamika tas-suq għall-pensjonijiet personali fl-UE u għalhekk biex tikkontribwixxi materjalment għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ir-rapport dwar l-iżvilupp tas-suq u l-ewwel **reġistru dwar l-IORPs mifrux mal-UE kollha** jipprovdu ħarsa ġenerali aħjar tax-xenarju tal-pensjonijiet fl-UE.

L-iżgurar tal-konverġenza, tal-konsistenza u tal-kwalità tas-superviżjoni

L-isforzi tal-EIOPA sabiex jissaħħu aktar il-kwalità u l-konsistenza tas-superviżjoni fl-UE kollha jitwettqu permezz ta' involviment bilaterali u feedback ta' sfida lill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali, parteċipazzjoni attiva f'Kulleġġi ta' Superviżuri, flimkien mal-ġhoti ta' għodda u konsulenza dwar l-użu ta' Mudelli Interni, taħriġ u l-istabbiliment tal-infrastruttura u s-sistemi għall-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni.

Fl-2015, it-Tim Superviżorju tal-EIOPA wettaq **19-il żjara bilaterali** lil Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali, fejn ipprovdut feedback dwar it-tnejn għall-applikazzjoni ta' Solvenza II, Prattiki nazzjonali għall-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju u Prattiki u prioritajiet superviżorji. Permezz ta' dan l-involviment, l-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali ġew appoġġjati biex isolvu ostakli identifikati għall-iżvilupp ta' kultura superviżorja komuni kif appoġġjata minn Solvenza II. It-tim ikkopresjeda wkoll il-kumitat tat-tmexxija li kien qed jiġġestixxi **r-reviżjoni tal-karta tal-bilanċ u t-test ta' stress tas-settur tal-assigurazzjoni tar-Rumanija**, b'rappreżentazzjoni ta' aktar minn 80 % tas-suq Rumen. Iż-żewġ eżerċizzji tlestew f'Lulju 2015 bil-pubblikazzjoni ta' rapport li identifika aġġustamenti sinifikanti għall-karti tal-bilanċ u proporzjonijiet prudenzjali korrispondenti ta' numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni, segwiti b'numru ta' miżuri superviżorji. Dan l-eżerċizzju ta prova li hu kredibbli u huwa fundamentali għat-titjib tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-fiduċja fis-settur tal-assigurazzjoni Rumen.

Sommarju Eżekuttiv

Il-parteċipazzjoni u l-koordinazzjoni attivi u kontinwi tal-EIOPA **fil-Kulleġġi** appoġġjaw konsistenza mtejbja fil-funzjonament u fid-diskussjonijiet tal-Kulleġġi. It-Tim tal-Kulleġġi tal-EIOPA kkoordinat l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Koordinazzjoni mill-Kulleġġi kollha fl-2015. Il-Ftehimiet ta' Koordinazzjoni stabbilixxew ir-rekwiżiti għall-informazzjoni li għandha tiġi skambjata u stabbilixxew ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri.

Għal approċċ superviżorju komuni lejn il-valutazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' solvenza ta' gruppi tal-assigurazzjoni li jkunu qed joperaw f'pajjiżi "ekwivalenti", l-EIOPA ppubblikat **Opinjoni dwar kalkolu ta' solvenza tal-grupp fil-kuntest ta' ekwivalenza**. L-Opinjoni tidentifika numru ta' Prattiki superviżorji relatati mal-valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' fondi proprji eliġibbli fil-livell tal-grupp u timmira li tassigura proċeduri uniformi u Prattiki konsistenti. Fil-qasam tal-Mudelli Interni, l-EIOPA tat ukoll **Opinjoni f'waqtha dwar it-tnejn ta' applikazzjoni ta' Mudell Intern** li tindirizza tliet oqsma fejn differenzi jwasslu għal mudellar inkonsistenti tar-riskji. Ir-rakkomandazzjoni ewlenija tal-Opinjoni hija li l-NCAs għandhom jenħtieġ li jirrikjedu li r-riskji relatati mal-Esponimenti Sovrani jitqiesu b'mod adatt f'mudelli interni. L-EIOPA organizzat ukoll **21 seminar ta' taħriġ** dwar suġġetti importanti, identifikati f'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali bħala oqsma ta' prijorità għat-tnejn ta' applikazzjoni ta' Solvenza II.

L-EIOPA kompliet bil-ħidma tagħha fir-rigward tal-**Manwal Superviżorju** bl-għan li tinbena firxa ta' Prattiki superviżorji tajba dwar oqsma differenti ta' Solvenza II. Fl-2015 tħejjew Rakkomandazzjonijiet għall-istabbiliment ta' oqfsa ta' valutazzjoni tar-riskju tas-superviżuri u s-superviżjoni tagħhom ta' oqsma ċentrali inkluż il-governanza, il-valutazzjoni interna tar-riskji proprji u s-solvenza (ORSA), il-politika dwar l-investment, il-proviżjonar tal-ħajja u mhux tal-ħajja, is-superviżjoni tal-grupp u mudelli interni.

Abbażi tal-ħidma tal-EIOPA biex tarmonizza r-rekwiżiti ta' rapportar taħt Solvenza II, ġiet stabbilita l-infrastruttura għall-ġbir, il-ġestjoni, l-ipproċessar u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni. L-**ewwel ġbir ta' rapporti annwali solo u tal-grupp** seħħ taħt ir-reġim preparatorju mir-**Repożitorju Ċentrali tal-EIOPA**. Rilaxxi ulterjuri tat-**tassonomiji ta' rapportar issa jippermettu r-rapportar sħiħ ta' Solvenza II** u jissodisfaw ir-rekwiżiti addizzjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'hekk jiżguraw li l-informazzjoni tkun ipprovduta fil-format korrett u jitnaqqas il-piż fuq l-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali u fuq l-industrija. Bil-għan li jitnaqqas ulterjorment il-piż tar-rapportar, speċjalament għal intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, l-EIOPA żviluppat ukoll l-**Għodda għall-Intrapriżi (T4U, Tool for Undertakings)** b'użu stmat minn 1 200 intrapriża fl-UE kollha.

Appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja

L-EIOPA żviluppat ulterjorment it-tekniki u l-għodod tagħha biex tagħmel użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli biex tinforma t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar żviluppi u riskji li jkunu qed ifiġġu fis-swieq b'appoġġ tas-superviżjoni finanzjarja. Is-superviżjoni preventattiva hija bbażata fuq l-antiċipazzjoni tar-riskji u l-iżgurar li tittieħed azzjoni bil-quddiem sabiex dawn jiġu mitigati jew eliminati u l-EIOPA tkompli tipprovdi l-prodotti ewlenin tagħha (eż. ir-Rapport ta' Stabbiltà Finanzjarja u t-Tabella Operattiva tar-Riskji) sabiex tiżgura li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ewlenin ikollhom ħarsa ġenerali komprensiva tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet. Fl-2015, is-settur tal-assigurazzjoni uża dejjem iżjed il-prodotti tal-EIOPA bħala referenzi ewlenin biex jevalwa r-riskji.

F'konformità mar-Regolament tagħha, l-EIOPA wettqet ukoll l-ewwel **Test ta' Stress għall-Pensjonijiet Okkupazzjonali** mal-UE kollha. L-għan kien li tinkiseb stampa komprensiva tax-xenarju eteroġeniku Ewropew tal-pensjonijiet okkupazzjonali, tkun ittestjata r-reżiljenza ta' benefiċċji definiti (BD) u ta' skemi ibridi tal-pensjoni kontra xenarji tas-suq avversi u stennija tal-għomor itwal, jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet potenzjali ta' skemi ta' kontribuzzjoni definita (KD) u jiġu żvelati oqsma li jirrikjedu attenzjoni superviżorja ulterjuri. Sbatax il-pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea b'settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali materjali, b'aktar minn EUR 500 miljun f'assi, ipparteċipaw fl-eżerċizzju. Ir-riżultati żvelaw li perjodu fit-tul ta' rati ta' mgħax baxxi joħolqu sfidi futuri sinifikanti għar-reżiljenza ta' Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali b'benefiċċju definit (Ara l-kaxxa ta' informazzjoni).

KAXXA TA' INFORMAZZJONI: Ir-riżultati tal-ewwel Test ta' Stress għal Pensjonijiet Okkupazzjonali tal-UE

- Perjodu fit-tul ta' rati tal-imgħax baxxi joħolqu sfidi futuri sinifikanti għar-reżiljenza ta' Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali b'benefiċċju definit (IORPs).
- L-IORPs huma relattivament aktar reżiljenti għal żieda fil-lonġevità milli għal xenarji avversi tas-suq.
- L-assorbiment ta' dawn ix-xokkijiet jiddependi ħafna mill-element taż-żmien għat-tweqqif ta' passivi u l-mekkaniżmi ta' mitigazzjoni u rkupru fis-seħħ f'kull pajjiż.
- Ir-riżultati tax-xenarji ta' stress gravi applikati jiżvelaw numru ta' riskji u vulnerabbiltajiet li jixirqilhom attenzjoni tajba mill-IORPs u s-superviżuri.

Sommarju Eżekuttiv

Fis-settur tal-assigurazzjoni, rati tal-imgħax baxxi kontinwi, li anki jaqgħu taħt ix-xenarju tat-Test ta' Stress tal-2014, żiedu l-urġenza ta' azzjonijiet superviżorji u l-ħtieġa għal stat ta' thejġija sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi. Bi tweġiba, l-EIOPA **segwiet b'mod attiv ir-rakkomandazzjonijiet tat-test ta' stress** billi involviet lill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali, filwaqt li ffukat fuq eżiti speċifiċi għall-pajjiż u fuq eżiti speċifiċi għall-grupp tat-test ta' stress u żiedet it-thejġijiet għall-ġestjoni tal-kriżijiet. L-EIOPA ppubblikat ukoll **Opinjoni dwar Prinċipji Tajba għall-Prevenzjoni, il-Ġestjoni u t-Thejġija għal Riżoluzzjoni ta' Kriżijiet tal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali**. Sabiex tiżgura l-konsistenza u l-adegwatezza ta' bidliet fl-Oqfsa ta' Prevenzjoni, Ġestjoni u Riżoluzzjoni ta' Kriżijiet, l-EIOPA żviluppat 14-il prinċipju li l-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali huma mistennija li jqisu. Din l-Opinjoni tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema solida u konverġenti għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet finanzjarji fl-UE.

